**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Darren Brincat**

**Kumpilazzjoni 99/2020**

**Illum 6 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darren Brincat, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 521079M billi hu akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Frar 2020 minn gewwa l-hanut bl-isem MGT Boutique fi Triq il-Vitorja, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Paul Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Paul Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri.
Il-Qorti qieset il-fedina penali tiegħu u l-fatt li kien hemm qbil bejn Prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

**DECIDE:**

Għal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat artikoli 49, 50, 261, 263, 270, 289 u 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah sitt (6) xhur priġunerija.

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**

**Maġistrat**

Margaret De Battista

Deputat Reġistratur